# Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## K 1039/2024: IL-PULIZIJA (SPETTUR SHERONA BUHAGIAR) V. OMISSIS

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**15 ta' April 2025**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra *omissis* ta' 22 sena, iben Joanne Zammit mwieled il-Pieta' nhar it-02 ta' Mejju, 2002, residenti ġewwa 14, Triq il-Ħaddiem, Marsa u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0162602L (imsejjaħ "l-imputat"), li ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja taħt arrest mixli illi:

**"nhar l-14 ta' Diċembru 2024, fil-ġranet u fil-ġimghat ta' qabel, f'diversi ħinijiet, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:**

1. **Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u ċioe' *omissis*, fastidju għal iktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għas-sieħba tiegħu *omissis* liema reat twettaq ripetutament - *Art. 251A(1)(a)(b), Art. 251H(a)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;***
2. **U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u ċioe' *omissis*, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu *omissis* biża' - *Art. 251B(1), Art. 251(3), Art. 251H(a)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta'Malta;***

3. **U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks sieħba tiegħu u ċioe' *omissis* jew, jekk kien ipprovokat, inġurjaha b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni - *Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;***

**nhar it-13 ta' Diċembru 2024, f'xi ħinijiet, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin;**

4. **Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' żewġ bibien ta' residenza għad-dannu ta' omm l-eks sieħba tiegħu *omissis* - *Art. 325(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,***

rat li l-Qorti ġiet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra l-imputat a beneficcju ta' ***omissis*** u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artiklu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta Malta;

rat li l-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta ta' ***omissis*** u l-familjari tagħha jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imputat billi tapplika l-Artikoli 382A et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikli 383 et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq;

rat li l-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

rat li waqt l-ewwel seduta ossia dik tas-16 ta' Diċembru 2024 meta sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward,

rat li l-Avukat Ġenerali tat il-kunsens tagħha ai termini tal-Art. 370(4) tal-Kap. 9 sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja,

rat li waqt l-eżami msemmi, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, l-imputat iddikjara li huwa ħati,

rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

rat li l-kawża ġiet differita għal diversi drabi sabiex il-Qorti tisma' l-provi dwar id-danni mġarrba mill-parti offiża,

semgħet ix-xhieda,

rat li l-Qorti ħarġet ordni ta' protezzjoni *pendente lite* ai termini tal-Art. 412C tal-Kap. 9 kontra l-imputat a favur il-partijiet offiżi,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija u billi r-reati imsemmija iġorru piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, il-Qorti wara li wissiet lill-imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, tatu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha. Wara li l-imputat baqa' jtenni l-ħtija tiegħu, il-Qorti kkonvertit ruħa f'waħda ta' Ġudikatura Kriminali ai termini tal-Art. 392A tal-Kap. 9 u għaddiet sabiex tagħti din is-sentenza lill-imputat.

2. Mill-atti jirriżulta lill-Qorti illi dan huwa każ ieħor ta' relazzjoni intima bejn tnejn min-nies li forsi xi darba kienu jinħabbu iżda li spiċċat b'togħma morra stante illi l-imputat assolutament ma jridx jaċċetta l-fatt illi l-ex-sieħba tiegħu ma tridx taf bih iżjed. Mhux hekk biss. Jidher illi l-imputat apparti illi għal iżjed minn darba kien fiżikament vjolenti mal-ex-sieħba tiegħu u prova jikkontrolla fejn, meta u ma' min toħroġ, iddeċieda illi jagħmlilha ħajjitha infern billi jsus warajha, jikkaġunalha fastidju u fl-istess ħin biża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jwe kontra l-persuna jew il-proprjeta' tal-familja tagħha. Inoltre fit-13 ta' Diċembru 2024 l-imputat sa' wasal biex sgassa u kisser il-bieb ta' barra tal-appartament fejn tirrisjedi ma ommha apparti li għamel l-istess biex jisgassa l-bieb tal-kamra tagħha ġewwa l-istess appartament. Stima ta' dawn il-ħsarat jew aħjar ta' kemm jiġu jiswew żewġ bibien ġodda flimkien mas-serratura u l-firroli, ġiet esebita a fol 45 u tindika illi l-ammont ta' kumpens dovut lill-parti offiża *omissis* huwa dak ta' € 2,176.56.

3. Imġieba bħal din hija waħda li mhux biss tbaxxi d-dinjita' tal-vittma iżda inoltre tesponiha għal terrur fil-ħajja ta' kuljum u għaldaqstant ma tistax ma tiġbidx l-istmerrija tas-soċjeta' in ġenerali u tattira l-kundanna ta' din il-Qorti.

4. Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi u ċioe tenut kont l-ammissjoni bikrija fl-ewwel stadju possibbli tal-proċeduri flimkien mal-fatt illi l-imputat għandu fedina penali nadifa, tara illi tkun qed toħloq bilanċ bejn id-dritt tas-soċjeta li tkun protetta mill-aġir bħal dak kommess mill-imputat, u l-

interessi tal-imputat innifsu, jekk minflok piena karċerarja effettiva tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 15A, 17, 18, 28A, 31, 251A, 251B, 251(3), 251H, 325 (1)(b), 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi ssib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah għal piena karċerarja ta' sentejn li qed tiġi sospiża għal żmien erba' snin mil-lum. Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Inoltre l-Qorti qegħda ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur il-persuni msemmija fl-istess Ordni għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess Ordni li qed tiġi annessa mas-sentenza. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.**

**Il-Qorti tordna ukoll li kopja tal-Ordni ta' Trażżin tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija u li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja *scanned* tal-atti inkluż ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.**

**Finalment il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Kumpens ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9 billi tordna lill-ħati jħallas lil *omissis* (KI. 257377M) l-ammont ta' elfejn mija sitta u sebgħin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€ 2,176.56) bħala kumpens għad-danni li sofriet, liema somma għandha titħallas entro xahrejn mil-lum.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |